Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5369/15

COTER 9
COMEM 8
COMAG 10
COPS 9
POLMIL 3
IRAQ 1
CONUN 7
COHOM 3
COSI 7
ENFOPOL 16

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Deskrizzjoni tal-istrateġija kontra t-terroriżmu għas-Sirja u l-Iraq, b'fokus partikolari fuq il-ġellieda barranin

Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazjonali) li saret fil-15 ta' Jannar 2015 u kif maqbul mill-Kunsill, id-delegazzjonijiet ser isibu mehmuża d-deskrizzjoni tal-istrateġija kontra t-terroriżmu għas-Sirja u l-Iraq, b'fokus partikolari fuq il-ġellieda barranin, għal finijiet ta' informazzjoni pubblika.

Deskrizzjoni tal-istrateġija kontra t-terroriżmu għas-Sirja u l-Iraq, b'fokus partikolari fuq il-ġellieda barranin

1. Din l-istrateġija hija wieħed mill-elementi tal-politika estera u ta' sigurtà inġenerali tal-UE kemm lejn l-Iraq kif ukoll is-Sirja. Għalkemm il-fokus huwa l-ġlieda kontra t-terroriżmu, hija tinsab f'kuntest politiku u reġjonali usa', li jinkludi l-appoġġ għall-oppożizzjoni Sirjana moderata, il-ħidma mal-Iraq biex tiġi żgurata sistema ta' governanza aktar inklużiva, filwaqt li tiġi indirizzata l-kriżi umanitarja; dawn l-elementi usa' jipprovdu wkoll għodda esssenzjali biex jiddgħajjef l-appoġġ għat-terroriżmu.

2. Din l-istrateġija hija mibnija fuq l-approċċ tal-UE bbażat fuq il-ġustizzja kriminali biex jiġi indirizzat it-terroriżmu filwaqt li jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem. L-UE temmen bis-sħiħ li l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma s-sisien tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-miżuri kollha li jittieħdu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għandhom ikunu konformi mad-dritt internazzjonali, inkluż il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem (inkluża l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fejn adatt), il-liġi dwar ir-refuġjati, u d-dritt umanitarju internazzjonali.

3. Dan id-dokument tfassal mis-SEAE b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Terroriżmu (CTC) u s-servizzi tal-Kummissjoni, u mal-Istati Membri.

<u>**Għanijiet**</u>

4. L-għan ġenerali, li din l-istrateġija tikkontribwixxi għalih, huwa li jittejbu jew jerġa' jkun hemm kondizzjonijiet li jwasslu għall-istabbiltà politika fir-reġjun.

5. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax issir f'iżolament mill-proċessi politiċi inġenerali. Hija għandha tkun minsuġa fl-aġenda tal-komunità internazzjonali bħala parti minn approċċ kompensiv, li jinkludi enfasi fuq ħidma ta' prevenzjoni. F'dak il-kuntest, l-għanijiet ta' din l-istrateġija huma tnejn: li jiġi pprovdut qafas fuq perijodu ta' żmien twil li:

- Timminimizza r-riskji għall-Ewropa u l-interessi Ewropej, u t-theddida għall-istabbiltà reġjonali, ikkawżati mit-terroriżmu li joriġina fis-Sirja u l-Iraq.

- Tikkontribwixxi għall-qerda strateġika tal-ISIL/Da'ish u Jabhat al-Nusra, inkluża l-ideoloġija vjolenti tagħhom.

Prijoritajiet għall-azzjoni

6. L-objettiv immedjat għandu jkun li jiġi żgurat li t-theddida ma tikbirx, jiġifieri jitwaqqaf il-fluss ta' rekluti ġodda; u li t-theddida ma tkomplix tinfirex lil hinn mill-fruntieri tas-Sirja/l-Iraq. Madankollu, it-trażżin waħdu ser jgħin biex tiġi mitigata t-theddida; iżda mhux ser jeliminaha. Dak jirrikjedi approċċ aktar wiesa' u aktar koerenti u varjetà usa' ta' għodod.

7. Id-dimensjoni politika hija influwenza importanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Sabiex jitwaqqfu l-iżvilupp tal-ISIL/Da'ish u l-appoġġ tiegħu fost il-popolazzjoni, l-awtoritajiet Iraqini għandhom jippromwovu r-rikonċiljazzjoni u jimplimentaw politiki inklużivi. Il-komunità internazzjonali wriet l-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet Iraqini fil-Konferenza ta' Pariġi tal-15 ta' Settembru 2014 dwar il-paċi u l-istabbiltà fl-Iraq, li kienet pass importanti tal-bidu.

8. Ir-reġim Sirjan huwa primarjament responsabbli għall-kaos li attwalment qed jiddomina fis-Sirja. Huwa ħalla lill-ISIL/Da'ish jikber, b'hekk ħalla s-sitwazzjoni teħżien. Ir-repressjoni kontinwa tiegħu ta' oppożizzjoni moderata tqanqal l-estremiżmu. Bħala konsegwenza tal-politiki u l-azzjonijiet tiegħu, ir-reġim ta' Assad ma jistax ikun sieħeb fil-ġlieda kontra l-ISIL. L-azzjonijiet immedjati tagħna għall-ġlieda kontra t-terroriżmu għandhom jappoġġaw l-oppożizzjoni moderata u għandhom ikunu kombinati ma' sforzi mġedda favur transizzjoni politika fis-Sirja.

9. Jeħtieġ li l-ħidma **esterna ta' Prevenzjon**i, li hija kkoordinata mill-qrib mal-ħidma interna tagħna ta' Prevenzjoni taħt l-istrateġija UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (2005), tkun sensittiva għall-motivazzjonijiet differenti għall-ivvjaġġar, inkluż bejn komunitajiet tad-diaspora differenti. Għandna nimmiraw li nsaħħu l-isforzi tagħna biex niġġieldu kontra s-sorsi possibbli tal-ħtiġijiet finanzjarji u ta' reklutaġġ tal-ISIL/Da'ish. Għandna naħdmu wkoll ma' u f'pajjiżi terzi li huma sorsi sinifikanti ta' ġellieda barranin, b'mod partikolari l-Magreb, jew il-pajjiżi ta' transitu. Għandna nikkondividu l-aħjar prassi żviluppata fl-UE; bl-istess mod, għandna niżguraw li qed nitgħallmu u napplikaw it-tagħlimiet mill-esperjenzi ta' ħaddieħor f'dan il-qasam. Għandna nimmiraw b'mod partikolari li nipprovduattivitajiet alternattivi mhux vjolenti bħal attività li sservi ta' distrazzjoni għal dawk li huma attratti lejn il-konflitti tas-Sirja u l-Iraq. Hemm ħafna materjal disponibbli li jista' jservi ta' kontronarrattiva li għandna nisfruttaw għal ħidmietna kemm b'mod estern kif ukoll b'mod intern biex nisfidaw dawn in-narrattivi u l-ideoloġija li jgħidu li għandhom. Minħabba r-rwol importanti li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jidhru li qed jaqdu, b'mod partikolari fl-istrateġija tal-ISIL/Da'ish, aħna għandna nagħtu prijorità lill-ħidma fuq l-internet. Irridu niġġieldu kontra l-inċitament fuq l-internet tal-ostilità jew il-vjolenza b'mod aktar effettiv billi ninkoraġġixxu t-tneħħija ta' kontenut estremist vjolenti fuq l-internet filwaqt li jitħares id-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Għandu jibqa' jiġi inkoraġġit djalogu ma' intrapriżi privati kbar attivi fin-netwerks tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-propaganda tal-ISIL/Da'ish u fit-tneħħija tal-kontenut fejn possibbli. Għandna nibnu l-kapaċità ta' prijorità ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-komunikazzjoni strateġika, possibbilment imsejsa fuq il-mudell tal-ħidma tat-Tim Konsultattiv intern tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-Sirja (SSCAT).

10. Fir-rigward tal-pilastru ta' **Insegwiment** tal-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, għandna nibnu kapaċità konformi mad-drittijiet tal-bniedem li tirrigwarda l-istat tad-dritt u investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet marbutin mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, biex is-suspettati jkunu jistgħu jiġu identifikati, detenuti, imħarrka u - jekk ikun meħtieġ - jintbagħtu l-ħabs, f'konformità mal-istandards internazzjonali, inkluża l-possibbiltà li jsir użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tal-Istatut ta' Ruma, fejn applikabbli. B'appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri, għandna naħdmu ma' pajjiżi terzi biex intejbu l-kooperazzjoni operazzjonali sabiex jiġu identifikati u żarmati netwerks ta' reklutaġġ u faċilitazzjoni, kif ukoll jiġu identifikati u mħarrka (kif meħtieġ) il-ġellieda barranin. Aktar azzjoni kontra l-finanzjament tat-terroriżmu għandha tkun prijorità, imsejsa fuq UNSCR 2170 (2014) u UNSCR 2178 (2014). Dan għandu jinkludi l-indirizzar tas-sorsi ta' finanzjament tal-ISIL/Da'ish (inkluż il-bejgħ taż-żejt u prodotti bażiċi oħrajn), l-appoġġ għall-kampanji Safer Giving, il-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni lill-pajjiżi fir-reġjun u l-bini ta' kapaċità tal-pajjiżi terzi biex jiġġieldu kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Minħabba r-rwol tal-ħtif għall-fidwa fil-ġbir ta' fondi għall-ISIL/Da'ish, għandna nippromwovu l-pożizzjoni tal-UE dwar din il-kwistjoni u nqajmu kuxjenza dwar ir-riskji, partikolarment mas-settur privat u dak mhux governattiv. Għandna nikkunsidraw azzjoni biex insaħħu s-sigurtà mal-fruntieri (inkluż fl-ajruporti u punti oħrajn tal-qsim tal-fruntieri) fil-pajjiżi madwar is-Sirja u l-Iraq sabiex ngħinu biex jinkixef u jiġi kumplikat l-ivvjaġġar u jiġu identifikati malajr dawk li telqin li jistgħu jkunu theddida. Barra minn hekk għandna naħdmu biex nifhmu aħjar kif il-gruppi terroristiċi fis-Sirja u l-Iraq qed jiksbu l-armi u t-tagħmir tagħhom, u naġixxu biex nipprevjenu l-proliferazzjoni tal-armi (kemm lejn is-Sirja u l-Iraq kif ukoll minnhom).

11. Taħt **Protezzjoni**, il-bini ta' kapaċità fir-rigward tas-sigurtà tal-avjazzjoni fuq livell reġjonali wkoll għandu jkun prijorità. Biex it-theddida ma toħroġx mill-fruntieri tas-Sirja u tal-Iraq għandha tittieħed ukoll azzjoni biex jitwaqqaf il-ħruġ ta' armi konvenzjonali avvanzati jew ta' teknoloġija tal-armi. Finalment, fir-rigward ta' **Rispons**, għandna nibnu kapaċità fir-reġjun biex ikun hemm rispons għal attakki terroristiċi. Dan għandu jinkludi għajnuna biex il-membri tas-soċjetà ċivili jingħataw setgħa, inkluż l-iżvilupp ta' għodod għall-ġestjoni ta' kriżijiet, biex dawn ikunu jistgħu jwieġbu għal attakki mmirati lejn il-komunitajiet tagħhom.

Involviment ma' sħab ewlenin

12. L-UE mhux ser tkun tista' twettaq din l-istrateġija waħida. L-involviment bejn u mas-sħab reġjonali - inkluż il-bini tal-kapaċità tagħhom li jikkontrollaw it-theddida terroristika kif meħtieġ - kif ukoll ma' sħab ewlenin oħrajn, ser ikun essenzjali għas-suċċess. Il-Konferenza ta' Pariġi fil-15 ta' Settembru 2014 dwar il-paċi u s-sigurtà fl-Iraq kienet pass importanti tal-bidu f'dan ir-rigward.

13. In-NU, l-aktar permezz tal-Kunsill tas-Sigurtà, ser ikollha rwol ewlieni. Speċifikament, UNSCR 2170 u UNSCR 2178 jappellaw lill-Istati Membri kollha jieħdu azzjoni deċiżiva biex iwaqqfu l-fluss ta' ġellieda barranin, jiġġieldu kontra l-finanzjament tal-ISIL/Da'ish, u jiġġieldu kontra l-inċitament tiegħu. Aħna għandna nappoġġaw b'mod attiv lill-pajjiżi li qed jimplimentaw dawn ir-riżoluzzjonijiet u riżoluzzjonijiet relatati tal-KSNU. Irridu nkomplu nimpenjaw ruħna f'inizjattivi rilevanti tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu.